




# Madwar 430 student applikaw għal Erasmus+

Melvic Zammit | 07:58 | 05.10.2014




Din is-sena kien hemm madwar 430 student universitarju li applikaw biex jieħdu sehem fil-programm Erasmus+; żieda ta' 30 student fuq is-sena li għaddiet.

L-aktar pajjiżi magħżula mill-istudenti Maltin biex jagħmlu dan il-programm huma fejn tiġi mitkellma l-lingwa Ingliża, bl-iktar popolari jkunu l-Ingilterra, l-Irlanda, popolari wkoll l-Itaja. Ir-Repubblika Ċeka u l-Polonja wkoll deħlin fix-xena għax joffru t-tagħlim bl-Ingliż u l-istudenti Maltin qed iħossuhom kunfidenti jmorru hemm ukoll.

Il-programm Erasmus+ għandu l-għan li jagħti opportunità liż-żgħażagħ biex jistudjaw, jitħarrġu u jakkwistaw esperjenza tax-xogħol. Minn din is-sena, Erasmus+ jipprovdi wkoll appoġġ għall-isport. Dan il-programm huwa iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea.

Erasmus+ mistenni jilħaq iżjed minn 4 miljun Ewropew b'baġit ta' €14.7 biljun. Għal din is-sena, l-Università ta' Malta ġiet allokata €5.7 miljun.

Apparti l-istipendju, l-istudenti li jidħlu għal din l-isfida jingħataw pakkett finanzjarju li jvarja bejn €650 u €750 fix-xahar; jiddependi f'liema parti tal-Ewropa se tkun qed tagħmel il-programm.

**"Ħsibtha li se tkun inqas diffiċli li tkun maqtugħa mid-dar"**

Vincienne Sammut u Ramonia Bonnici, żewġ studenti, ta' 19-il sena, li bħalissa qed jagħmlu l-programm Eramsus+ fil-Belġjum, fl-Università ta' Thomas More qalulna li ħasbuha li se tkun iżjed faċli li jkunu maqtugħa mid-dar. "Ikun hemm mumenti fejn tħossok li se tfalli u tibda taħsibha jekk għandekx tinżel lura però wara nirrealizza li fl-aħħar ta din l-esperjenza se nkun bnejt karattru sod u indipendenti", qalet Sammut.

Fuq l-istess ħsieb Bonnici ħasset li l-ewwel ftit ġranet ma kinux faċli għax tkun trid tidra l-post u tara minn fejn se tixtri l-ewwel neċessitajiet bażiċi. "Hawn m'hawnx ommi taħseb kollox għalija hi", qalet b'nofs daħka Bonnici. Iż-żewġ żgħażagħ qed jgħixu f'Mechelen, nofs siegħa bogħod mill-Università. "Il-ġurnata tibda b'kwarta mixi sal-istazzjon u naqbdu l-ferrovija biex naslu fl-inħawi tal-Univeristà."

Fost l-isfidi li qed jiltaqgħu magħhom hija l-lingwa. It-tagħlim isir bl-Ingliż però s-sinjali tat-toroq huma kważi kollha bl-Olandiż. "Ħsibna li n-nies tal-lokal huma strambi però mill-ewwel biddilna dan il-ħsieb. Tgħallimt li qatt m'għandek temmen dak li tisma' fuq nazzjonalità partikolari qabel ma tkun esperjenzajt is-sitwazzjoni", qalet Sammut

Però fost l-ikbar sfidi hemm l-aspett finanzjarju. "Il-ħajja hija ħafna iżjed ogħla minn dik ta' Malta. Ejja nieħdu x-xiri ta' neċessitajiet bażiċi bħala eżempju. Jekk f'Malta tonfoq €7, hawn tiġik €14. Din l-esperjenza se tgħinna wkoll biex inkunu iżjed bilgħaqal fl-infiq tagħna. Irridu nżommu mal-baġit li għandna."

It-tfajla kompliet tgħid li din mhix esperjenza faċli però temmen li dak kollu li jagħtik sodisfazzjon qatt ma jintlaħaq b'mod faċli.

L-aħħar aħbarijiet

| | |
|---|---|
| 14:35 | Santa Luċija FC jiċħdu li ... |
| 13:07 | Waqt il-maltemp l-Enemalta ... |
| 13:03 | "M'għadx hemm lok li ... |
| 12:45 | Donazzjoni ta' demm ... |
| 12:05 | Aktar riżultati importanti ... |
| 11:43 | Il-ħallelin bdew jisparaw ... |

Popolari


Raġel "qisu xadina" jaqbeż ...


Victor Scerri jxejjer ...


Tliet studenti "tas-sajf" ...


Jasal il-maltemp: ...


Aġġornat: Il-Mafjuż maqbud ...


Aġġornat: Nixtieq nibda ...

Fi kliem il-Kummissarju Ewropew għall-Edukazzjoni, Androulla Vassiliou, l-istudenti tal-programm Erasmus ikollhom opportunitajiet aħjar ta' xogħol u jsibu impjieg fi żmien sitt xhur wara li jlestu l-istudji tagħhom.

Madwa 64% ta' dawk li ħadu sehem fl-istudju qalu li l-esperjenza swietilhom għax kienet kruċjali biex jingħataw xogħol.

Il-programm Erasmus kien tnieda fl-1987 u ħadu sehem fih aktar minn tliet miljun student u studenta.

2 Like 4 Tweet 0 +1 0

## Ikkummenta

**TAX PAYER** Sun 05-Oct-2014, 17:41
Il-PN kien ikollu biex jiftahar kieku m'accettax li nzommu b'mod volontarju l-immigranti li jidhlu f'pajjizna bhalma ghamlu diversi pajjizi ohra minn nord tal-Ewropa. Kien ikollu biex jiftahar kieku uza l-fondi kollha tal-UE li kienu ghad-dispozizzjoni tieghu. Ghax hekk toqghod taghmel il-kontijiet issib li aktar hrigna milli dahhalna GEORGINA

**georgina** Sun 05-Oct-2014, 09:29
Grazzi ghall partit nazzjonalista u Dr. Gonzi li ra l-gid li uliedhna jista jiehdu minn dawn il korsijiet.

Umbad jigu xi pecluqi u jghajdu li disastru ghamel il PN meta kien fil-gvern.

Grazzi lill PN li dahhalna fil EU kontra kull manuvra, gideb, qlajiet, bezat u tixwiex li kien sar mill PL biex ma nidhlux, u issa uhud minnhom qed jokkupaw siggu fil parlament ewropew.